**NOMINA TAS-SUR MARIO JOSEPH AZZOPARDI**
**GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON**
**TAL-AWTORITÀ MALTIJA GĦALL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **Tista' telabora ftit fuq il-karriera professjonali tiegħek?**

L-ewwel impjieg tiegħi kien fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fejn għal madwar 4 snin ħdimt fis-sezzjoni tal-Komunita Ekonomika Ewropeja (EEC) u servejt bħala Segretarju tal-kumitat inter-ministerjali li kien qed jħejji għal applikazzjoni ta' Malta biex issir membru sħiħ tal-EEC. Iddeċidejt li nirriżenja miċ-Ċivil biex insegwi l-kors tal-B.A. (Hons.) Accountancy fl-Universita ta' Malta. Wara li ggradwajt dħalt naħdem ma' kumpanija ewlenija tal-Awditjar u fi ftit xhur inħtart Audit Manager. Wara li ħdimt fuq numru ta' audits ta' kumpaniji varji, il-kumpanija rebħet tender biex tistabilixxi l-Internal Audit fil-Korporazzjoni Enemalta. Hawnhekk ħarriġt numru ta' impjegati interni w bdejna minnufiħ bix-xogħol ta' awditjar intern li kien strumentali biex jissaħħu l-kontrolli nterni fil-korporazzjoni.

Wara ftit xhur ġejt rijallokat fil-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) fejn hemmhekk servejt bħala Kontrollur Finanzjarju għal numru ta' xhur. Eventwalment inħtart bħala Chief Internal Auditor tal-WSC. Dak iż-żmien il-WSC kellha problemi finanzjarji kbar, għalhekk fassalt pjan ta' strateġija li kellhu jwassal għal *savings* ta' miljuni ta' liri. Fost il-miżuri li implimentajt kien hemm, it-twaqqif ta' kumpanija sussidjarja (Malta Desalination Services Ltd.) li ħadet it-tmexxija ta' *reverse osmosis plants* mingħand il-kuntrattur barrani. B'din il-miżura l-WSC iffrankat madwar €6.8 miljuni fis-sena. Sar ukoll ristrutturar fl-operat tal-Korporazzjoni billi ingħalqu numru ta' uffiċini lokali u l-ħaddiema ġeww relokati fi tlett ċentri ewlenin. B'hekk ġie żgurat servizz aktar effiċjenti mill-ħaddiema tal-Korporazzjoni u fl-istess waqt ġew frankati flejjes kbar li kienu qiegħdin jintefqu fuq kuntratturi.

Għal madwar 7 snin ħdimt bħala accountant u awditur għal numru ta' klijenti fejn anke stabbilixejt il-prattika privata tiegħi. Fis-sena 2011 inħtart bħala CFO tal-Malta Air Traffic Services Ltd. fejn eventwalment inħtart ukoll bħala Deputat Kap Eżekuttiv. Hawnhekk wkoll għamilt xogħol ħafna u saħħaħt bil-kbir il-qagħda finanzjarja tal-kumpanija tant li ma baqgħetx tiddependi minn sobvenzjoni tal-gvern anzi, sakemm faqgħet il-pandemija kienet tħallas dividends sostanzjali ta' kull sena.

2. **X'taħseb li kienu l-elementi ewlenin li wasslu għan-nomina tiegħek bħala Chairperson tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima?**

Għal dawn l-aħħar 11 il-sena jiena okkupajt il-kariga ta' Chairperson tal-*Malta Resources Authority*. Sa' mill bidu nett tal-ħatra tiegħi bdejt nagħti importanza kbira lis-Sezzjoni fi ħdan l-Awtorità li taqdi l-funzjoni li tiġbor l-istatistika u tissottometti r-rapporti meħtieġa minn entitajiet lokali w internazzjonali. Matul is-snin, aktar mal-għarfien tal-effetti tat-tibdil fil-klima bdew jiġu rikonnoxxuti, l-obligi u l-kumplessita tar-rapporti meħtieġa żdiedu b'mod aċċellerat. Naturalment komplejt nieħu interess partikolari fis-suġġett u għaraft illi l-pajjiż kellhu jagħti aktar importanza lil din il-materja li mal-milja taż-żmien bdiet tiġi aktar fuq l-aġenda internazzjonali.

Kien għalhekk illi immedjatament kif il-Ministru Miriam Dalli reġgħet ħatrietni fil-kariga ta' Chairperson tal-*Malta Resources Authority,* iddiskutejt magħha l-ideja tiegħi li l-MRA tiġi trasformata f'Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima. Din fil-fatt kienet diġa fil-viżjoni tal-Ministru Dalli, għalhekk minnufih bdiet il-ħidma ta' preparazzjoni sabiex naslu għal dan it-tragward.

3. **Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairman tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima**?

Ir-rwol ta' Chairman tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima huwa li jagħti direzzjoni lill-Bord tal-Awtorità dwar il-viżjoni u strateġija li trid tiġi segwita sabiex tiġi mwettqa l-missjoni u l-miri tal-istess Awtorità hekk kif stabilita mill-att parlamentari li waqqafa. Naturalment, bħal-issa sakemm l-Awtorità tiġi stabilita, qed inkun ħafna aktar involut fix-xogħol preparatorju w ta' ppjanar sabiex din it-transizzjoni issir bl-aktar mod effiċjenti skond il-viżżjoni mħejjija. La darba jiġi ngaġġat it-team maniġerjali li hemm bżonn allura jien nkun nista niffoka aktar fuq tħejjija ta' viżjoni u strateġija u kif dawn se jiġu mwettqa skond il-pjan ta' ħidma.

**4. X'inhuma, fl-opinjoni tiegħek, l-isfidi prinċipali li għandha l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima biex tilħaq l-oġġettivi tagħha kif stabiliti fl-Att li waqqafha? X'taħseb li għandu jsir biex jibdew jingħelbu dawn l-isfidi?**

Billi din hija Awtorita' ġdida, tajjeb li wieħed jagħmel pjan metikoluz li fih jelenka l-isfidi u l-mizuri li għandhom jittieħdu fuq bazi ta' *short, medium u long-term.*
L-isfida prinċipali fl-immedjat hija li l-Awtorità tibda' taqqdi l-funzjonijiet tagħha (hekk kif elenkati fl-Att) b'mod effikaċi fl-aqsar żmien possibli. Irrid nara li l-Awtorità jkollha ir-rizorsi meħtiega biex tkun tista timplimenta l-funzjonijiet tagħha. Għal dan il-għan, jekk niġi maħtur f'din il-kariga se nagħti struzzjonijiet biex jsir b'mod immedjat *Business Plan* għal 5 snin. Jrid jiġi ingaġġat it-*team* maniġerjali li jrid jaħdem mal-Kap Eżekuttiv fl-implimentazzjoni tal-obligi u d-direzzjoni li jingħata mill-Board.

Wara li jkun beda jiffunzjona it-*team* maniġerjali w jkunu ġew impjegati l-esperti tekniċi jiskatta l-*medium term.* Hawnhekk l-isfida prinċipali se tkun l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Awtorità. Ta' prijorita hija l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtiega mill-*European Trading Scheme* għas-setturi tal-marittimu, avjazzjoni w installazzjonijiet fissi li jiġġeneraw l-elettriku. Direttivi tal-Unjoni Ewropeja f'dan il-qasam jenħtieġ wkoll li jiġu mplimentati b'mod għaqli wara li jiġi studjat l-impatt tagħhom fuq kull qasam. Jridu jiġu mfassla w mwettqa *in-National Adaptation Strategy u n-National Long-term Strategy* għall-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima. Importanti li jitwaqqaf l-*Inventory for Data Monitoring* sabiex jkun regulat il-mod kif tinġabar l-informazzjoni u jiġu mkejla l-emissjonijiet fis-settur pubbliku. Nemmen ħafna fl-edukazzjoni w għalhekk, fl-opinjoni tiegħi jenħtieġ illi ssir kampanja nazzjonali dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu mitigati l-effetti tat-tibdil fil-klima speċjalment fl-iskejjel tagħna. Diġa sar ħafna f'dan is-settur grazzi għal kampanja *ClimateOn.*

Għal *long-term* l-akbar sfida li għandha l-Awtorità u l-pajjiż hija kif se jintlaħqu il-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. L-għan għandu jkun illi t-tkabbir ekonomiku għandhu jkun wieħed sostennibli bl-anqas emissjonijiet possibli anzi, fejn hu possibli,

permezz tal-azzjoni li trid tittieħed biex jiġi mitigat l-effett klimatiku għandhom jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' negozju li jwasslu għal ħolqien ta' mpjiegi ġodda fl-ekonomija l-ħadra.

5. **Liema taħseb li se jkunu dawk l-entitatjiet li l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima l-iktar se tikkollabora magħhom sabiex twettaq ħidmietha?**

Biex tilħaq il-missjoni tagħha l-Awtorità trid tikkollabora mal-Ministeri u l-entitajiet pubbliċi kollha kif ukoll mal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet illi għalihom twaqqfet l-Awtorità jkunu magħrufa minn kullhadd u jkun hemm sinerġija komuni fis-settur governattiv. Irrid nara' wkoll li jkun hemm djalogu regulari mas-settur privat u anke ma' NGOs sabiex l-isforz jkun wieħed kollettiv u b'kollaborazzjoni diretta ma' kullħadd.

Bla dubju l-akbar sforz jrid jsir biex tinħoloq kommunikazzjoni diretta u kontinwa ma' dawk l-entitajiet f'setturi li l-aktar jikkawżaw emissjonijiet (bħal trasport) jew li, bl-azzjonijiet tagħhom jħallu impatt fuq it-tniġġiż. Fuq trasport, bla dubju ta' xejn, trid issir konsultazzjoni diretta ma' Transport Malta fejn jidhol trasport fuq l-art, sabiex naraw kif nistgħu nnaqsu l-emissjonijiet minn dan is-settur li bħal issa huwa l-akbar kontributur tal-emissjonijiet f'pajjiżna. L-Awtorità tal-Ambjent r-Riżorżi għandha wkoll rwol kruċjali fit-tnaqqis tal-emissjonijiet, għax bħala regolatur nazzjonali għall-ambjent għandha tkun ikkonsultati f'materji li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha. L-Awtorità tal-Ippjanar trid tiżgura li kemm jista' jkun binjiet ġodda jkunu jikkonsmaw anqas enerġija u t-tnaqqis fl-emissjonijiet dejjem jittieħed fil-konsiderazzjoni fil-proċess tal-ippjanar. Entita oħra mportanti hija l-Awtorità għal Bini w Kostruzzjoni (BCA) minħabba li s-settur tal-bini huwa kontributur ewlieni tal-emissjonijiet *greenhouse u carbon.*

6. **Jekk kemm-il darba tkun approvat, x'se jkunu l-prijoritajiet tiegħek għall-ewwel xhur ta' ħidma fl-Awtorità?**

Jekk ninħatar f'din il-pożizzjoni, l-ewwel prijorita se tkun li niżgura li l-Awtorità jkollha ir-riżorsi meħtiega biex tkun tista tibda' taqqdi l-funzjonijiet tagħha b'mod immedjat. Prijorita hija li, kemm jista' jkun malajr, jiġi ingaġġat l-Executive Maniġement kompetenti u bil-ħiliet neċessarji biex flimkien mal-Kap Eżekuttiv jiżgura li jiġu mwettqa l-funzjonijiet u l-obligi tal-Awtorità. Hemm bżonn jingħata t-taħriġ neċessarju lil-ħaddiema preżenti w speċjalment lill dawk ġodda sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' servizz f'kull settur.

Irrid wkoll ngħati direzzjoni sabiex tibda minnufiħ diskussjoni mal-uffiċjali konċernati sabiex jiġi żgurat li l-Gvern jkun katalist fil-qasam tal-azzjoni kontra t-tibdil fil-klima billi jittieħdu l-azzjonijiet neċessarji biex jitnaqsu kemm jistgħu l-emissjonijiet kkawżati mill-operazzjoni tas-servizz pubbliku.

7. **Il-ħatra tiegħek hija waħda non-eżekuttiva, għaldaqstant, kif tara li tista' timplimenta l-oġġettivi tiegħek għall-Awtorità?**

   Ir-rwol ta' Chairman għandu jkun li, flimkien mal-kumplament tal-Board, jagħti d-direzzjoni strateġika u l-oġġettivi li trid tilħaq l-Awtorità lit-team maniġerjali. Il-Kap Eżekuttiv jattendi għal laqgħat tal-Board (għalkemm m'għandux vot) u għalhekk se jkun mgħarraf dwar kull pożizzjoni li jieħu l-istess Board. Barra minn hekk, jekk ninħatar f'din il-kariga, se niżgura li nżomm kuntat regulari mal-Kap Eżekuttiv biex niddiskutu dak kollhu li jkun hemm bżonn. Se niżgura wkoll li nagħmel konsultazzjoni regulari mal-Kunsill Nazzjonali għall-Azzjoni dwar il-Klima biex niżgura illi l-istrateġija nazzjonali tkun kordinata flimkien mal-istess Kunsill.

8. **Tara li hemm xi materja jew għandek xi kunflitt ta' interess li jista' jtellfek mill-imparzjalità tiegħek fit-tmexxija tal-bord tal-Awtorità?**

   Ma qed nara l-ebda' kunflitt mal-impjieg ewlieni tiegħi mal-Kumpanija Malta Air Traffic Services Ltd. jew mal-kariga ta' *non-executive Deputy Chairman tal-Regulator for Energy and Water Services (REWS).* Jiena liċenzjat mill-MFSA biex nipprovdi servizzi korporattivi w għandi wkoll il-warrant ta' accountant u awditur pubbliku pero, m'għandi l-ebda klijent relatat mal-qasam tat-tibdil fil-klima.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Chairperson tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima?**

Nagħmel riferenza għall-mistoqsija numru 3 min-naħa tal-Membri tal-Gvern u nwieġeb l-istess.

2. **X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għall-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima?**

Nagħmel riferenza għall-mistoqsija numru 6 min-naħa tal-Membri tal-Gvern u nwieġeb l-istess.

3. **Xi sfidi tara li għandha quddiemha l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima?**

Nagħmel riferenza għall-mistoqsija numru 4 min-naħa tal-Membri tal-Gvern u nwieġeb l-istess.

4. **X'taħseb li huma n-nuqqasijiet ta' pajjiżna fl-azzjoni dwar il-klima?**

   Aktar milli nuqqasijiet, bħala gżira daqshekk żgħira pajjiżna għandhu sfidi partikolari li jeħtieg jiffaċja. Il-fatt illi f'Ottubru 2019 l-Parlament Malti b'unanimita ddikjara emerġenza jew kriżi klimatika diġa juri li ż-żewġ partiti ewlenien f'pajjiżna qiegħdin jaqblu li jenħtieġ tittieħed azzjoni dwar dan. Il-fatt li l-Parlament Malti aktar kmieni din is-sena approva l-*Climate Action Act* huwa sinjal ċar li l-Gvern u l-Oppożizzjoni qed jaqblu li għandu jsir sforz kollettiv f'dan il-qasam minħabba l-fatt illi bħala gżira

daqshekk żgħira f'nofs il-baħar mediterran Malta hija soġġetta ħafna aktar minn pajjiżi oħra għal-effetti li tħalli t-tibdil fil-klima w għalhekk il-pożizzjoni ta' pajjizna hija vulnerabli ħafna.

5. **Tista' tispjega xi twettaq f'pajjiżna b'rabta mat-tibdil fil-klima minn Ottubru 2019 u ċjoè minn meta l-Parlament Malti b'mod kollettiv iddikjara Emerġenza jew Kriżi Klimatika, sa llum? X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar hekk?**

Fl-opinjoni tiegħi sa' minn Ottubru 2019 il-pajjiż diġa għamel ħafna b'rabta mat-tibdil fil-klima. Biex nirrispondi aħjar, se nagħmel riferenza għal rapport tal-Inventarju Nazzjonali tas-sena 2024 li jkopri s-snin 1990 – 2022 ippreparat mis-sezzjoni responsabli mill-Klima fi ħdan il-*Malta Resources Authority.*

Bejn is-sena 2019 u s-sena 2022 il-*greenhouse gas (GHG) emissions* żdiedu b'6%. Din iż-żieda hija primarjament dovuta mill-ġenerazzjoni tal-elettriku (7.5%) minħabba ż-żieda sinifikanti li kien hemm fid-domanda għal-elettiku, kif ukoll mill-emissjonijiet kaġunati mit-traffiku fit-toroq Maltin (3.3%) li hija marbuta maż-żieda li kien hemm fil-konsum tal-fuel tal-vetturi. Minkejja dan, irrid nirrimarka illi l-*greenhouse gas emissions* għas-snin 2019-2022 kienu ħafna anqas mill-emissjonijiet reġistrati sas-sena 2013. L-istatistika turi li bejn is-snin 2014 u 2016 kien hemm tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet grazzi għal-investiment li sar fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-elettriku (li f'dawk is-snin kien l-aktar settur li jikkontribwixxi għal-emissjonijiet). Dan l-investiment primarjament kien jikkonsisti fil-kummissjoni tal-interconnector mal-grid Ewropew kif ukoll fil-qalba ta' ġenerazzjoni tad-dawl mill-*heavy fuel oils* għal dik tal-gas.

Il-*greenhouse gas emissions* fis-sena 2022 kienu madwar 13.5% anqas minn dawk reġistrati fis-sena 1990 u 31.8% anqas minn dawk rekordjati fis-sena 2003 li kienet l-aktar sena li qatt ġew reġistrati *greenhouse gas emissions* fuq livell nazzjonali f'pajjiżna. L-investiment fil-ġenerazzjoni tal-elettriku kif ukoll iż-żieda gradwali li kien hemm fl-elettriku ġenerat min-sorsi nodfa taffa mill-impatt li kien hemm kawża taż-żieda fid-domanda għal-elettriku kif ukoll minn żieda fl-emissjonijiet kawżati minn setturi oħra.

Insemmi wkoll illi r-rata ta' *greenhouse gas emissions* għal kull miljun Ewro fil-*gross domestic product* kompla jonqos bejn is-sena 2019 u l-2022. Dan jindika illi t-tkabbir ekonomiku f'pajjiżna qed ikun ġej aktar minn sorsi li jħallu anqas impatt negattiv fuq l-ambjent tagħna u allura sorsi ħafna aktar nodfa. Sa mis-sena 1990 l-*greenhouse gas emissions per capita* kompla jonqos b'mod kontinwu w b'ritmu mgħaġġel. Dan jindika illi, kontra dak mistenni, ż-żieda fil-populazzjoni f'pajjiżna ma rriżultatx f'żieda fl-emissjonijiet grazzi għal-investimenti li saru.

Miżuri oħra li ttieħdu li kkontribwixew biex jitnaqqsu l-emissjonijiet jinkludu is-sussidju li jingħata meta jinxtraw vetturi elettriċi, l-introduzzjoni tat-transport pubbliku b'xejn għal kullħadd, skemi ta' inċentivi għal installazjoni ta' *heat pumps* flimkien ma' teknoloġiji simili. Hemm wkoll inċentivi tajba għal skemi ta' *insulation u double glazing*. Tajjeb illi nirrimarka illi, grazzi għal inċentivi li ngħataw, l-enerġija ġenerata minn sorsi solari żdiedet minn 2.86% fis-sena 2012 għal 13.4% fis-sena 2022.

Infakkar illi l-mira nazzjonali għal dan il-qasam kienet ta' 11.5% sas-sena 2030. Minħabba li din il-mira sas-sena 2022 kienet diġa nqabżet, il-pajjiż jrid ikun aktar ambizzjuż billi jistabilixxi miri aktar ambizzjużi fejn tidħol il-ġenerazzjoni elettrika f'pajjiżna li tiġi minn sorsi renovabbli.

Hemm wkoll numru ta' inċentivi b'saħħithom immirati lejn intrapriżi lokali sabiex jinvestu fit-teknoloġija li ma tniġġisx sabiex is-settur kummerċjali f'pajjiżna jagħti s-sehem tiegħu wkoll fit-tnaqqis tal-emissjonijiet. Insemmi wkoll l-pjan ta' installazzjoni ta' żewġ sistemi ta' batteriji fil-Marsa w Delimara maħsubin biex tiġi maħżuna l-enerġija ġenerata minn sorsi ta' enerġija renovabbli. Diġa saru l-istudji w d-disinji neċessarji w bħal issa qed jsiru l-preparamenti biex jinħareġ it-tender. Fuq l-istess qasam, ir-Regolatur għal Energija u l-Ilma (REWS) aktar kmieni din is-sena ħabbar skema ġdida għal installazzjonijiet domestiċi ta' *Battery Energy Storage Systems* (BESS) fejn l-gvern qed jagħti sussidju sa' 80% tal-ispejjeż involuti. Din iż-żieda fl-inċentiv ħalla r-riżultat mixtieq għaliex sa' Lulju li għadda l-applikazzjonijiet għal installazjonijiet ġodda qabżu bil-bosta dawk li kien hemm fl-aħħar snin.

Fil-qasam tat-transport, il-mira għandha tkun li kemm jista jkun jiżdiedu aktar il-vetturi li jaħdmu bil-batteriji f'pajjizna u għalhekk hija inkoraġġanti l-ħidma li qed issir biex dejjem jiżdiedu l-*charging points*. Is-sistema kummissjonata din is-sena *shore to ship* se tgħin wkoll biex dawk il-cruise liners attrezzati jkunu jistgħu jitfu l-magni tagħhom u jaqbdu mal-grid nazzjonali.

Il-miżuri li ttieħdu fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart, kemm *at source* u anke fit-trattament tal-iskart wkoll wasslu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet minn dan il-qasam li wkoll huwa kontributur ewlieni għal-emissjonijiet speċjalment emisjonijiet tal-*methane*. Bl-impjant propost ta' waste-to-energy, l-emissjonijiet mill-iskart għandhom jintnaqsu b'mod qawwi ħafna.

Min-naħa ta' pjanar u strategija, minbarra it-tnedija tal-*Climate Action Act* li saħħaħ il-qafas regolatorju għal-azzjoni dwar il-klima, l-addozzjoni tal-*Low Carbon Development Strategy* serva bħala l-bażi ewlenija biex tissaħħaħ l-politika nazzjonali dwar it-tibdil fil-klima u biex dejjem jkun imfassal in-*National Energy and Climate Plan* skond kif stabilit fl-*EU's Energy Union Governance Framework*. Infakkar wkoll li miexi x-xogħol fuq it-tieni interconnector ġdid li għandhu jitlesta sas-sena 2026.

Il-mira tal-gvern hija li tiżdied l-enerġija ġenerata minn sorsi renovabli anke billi jkun hemm sorsi differenti ta' ġenerazzjoni. B'dan il-għan, il-gvern qed jesplora kif jagħmel użu aħjar mill-baħar li jdawwarna billi jintużaw l-*floating offshore energry resources*. Għalhekk, wara li tfasslet l-*Offshore Renewable Energy policy* li stabilit il-qafas għal aktar investimenti f'teknologiji nodfa u renovabli offshore fl-*exclusive economic zone* ta' pajjiżna (jiġifieri f'żona ta' 12 il-mil nawtiku il-barra mill-baħar teritorjali). Infakkar illi li *strategic environmental assessment (SEA)* dwar l-*Offshore Renewable Energy policy* ġie publikat bil-għan li ssir konsultazzjoni pubblika dwaru.

Wara li tqabbdu konsultenti internazzjonali, ġeww identifikati l-aktar siti addattati fejn jistgħu jitqiegħu l-*floating offshore wind farms.* Dawn is-siti ġeww identifikati wara analiżi ta' diversi fatturi, fosthom il-fond tal-baħar, it-teknoloġija, il-qiez u l-effiċjenza tat-turbina, kif jaħkem ir-riħ, kif ukoll il-*feasibility* ekonomika u teknika w naturalment l-impatt ambjentali.

Il-gvern issa jinsab fl-istadju ta' preparazzjoni biex joħroġ il-*pre-qualification questionnaire* sabiex jattira entitajiet li lesti jinvestu biex jissuplixxu enerġija permezz tal- *floating wind turbine technology.* Bla dubju, li dan il-qasam għandhu jikontribwixxi bil-kbir biex tiżdied il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinovabli fis-snin li ġejjin.

Nemmen li l-gvern għandu diversi inċentivi individwali iżda jekk dawn jkunu konsolidati, l-effett jista' jkun ferm akbar. Jenħtieġ li l-gvern jkompli jkun fuq quddiem fl-azzjoni dwar il-klima billi għal binjiet ġodda jiżgura illi dawn jkunu kemm jista' jkun effiċjenti fl-użu tal-enerġija, jintuża apparat li jniġġeż anqas u jagħmel dan permezz ta' kodiċi w gwidi ġodda għal bini f'pajjiżna w anke billi joffri l-inċentivi li hemm bżonn biex dan iseħħ. Il-qalba ta' ħafna mill-vetturi governattivi għal sistemi tal-batterija kif ukoll l-installazzjonijiet ta' solar panels f'diversi binjiet pubbliċi huwa ċertament pass fid-direzzjoni t-tajba.

**6. X'taħseb li għandhom ikunu l-kisbet tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima matul is-sentejn li ġejjin?**

L-isfida prinċipali fl-immedjat hija li l-Awtorità tibda' taqqdi l-funzjonijiet tagħha b'mod effikaċi (hekk kif elenkati fl-Att) fl-aqsar żmien possibli. Irrid nara li l-Awtorità jkollha ir-riżorsi meħtiega biex tkun tista timplimenta l-funzjonijiet tagħha. Għal dan il-għan, jekk niġi maħtur f'din il-kariga se nagħti struzzjonijiet biex jsir b'mod immedjat *Business Plan* għal 5 snin. Jrid jiġi ingaġġat it-*team* Maniġerjali li jrid jaħdem mal-Kap Eżekuttiv fl-implimentazzjoni tal-obligi u d-direzzjoni li jingħata mill-Board.

Wara li jkun beda jiffunzjona it-*team* maniġerjali w jkunu ġew impjegati l-esperti tekniċi jiskatta l-*medium term.* Hawnhekk l-isfida prinċipali se tkun l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Awtorità. Jridu jiġu mwettqa il-miżuri stabiliti f*in-National Adaptation Strategy u n-National Long-term Strategy* għall-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima. Importanti li jitwaqqaf l-*Inventory for Data Monitoring* sabiex jkun regulat il-mod kif tinġabar l-informazzjoni u jiġi mkejjla l-emissjonijiet fis-settur pubbliku. Nemmen ħafna fl-edukazzjoni w għalhekk, fl-opinjoni tiegħi jenħtieġ illi tiġi intensifikata l-kampanja nazzjonali ClimateOn biex jitkattar it-tagħrif dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu mitigati l-effetti tat-tibdil fil-klima.

7. **Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Kif elenkat fil-CV tiegħi jien ħdimt f'dawn il-pożizzjonijiet:

- bejn is-snin 1986 u 1989 ħdimt bħala *Third Secretary* fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin;
- Bejn is-snin 1997 u 2003 okkupajt il-kariga ta' *Chief Internal Auditor* fil-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma;

- Mis-sena 2011 sal-lum qed inservi bħala *Chief Finance Officer* u *Deputy CEO* mal-kumpanija Malta Air Traffic Services Limited.

**9. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

Jien qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari pero il-karigi li kellhi u li għadni qed nokkupa ovvjament kienu jirrekjedu li naħdem ma xi wħud mill-Ministri jew Segretarji Parlamentari.

**10. X'karigi oħra beħsiebek tkompli tokkupa jew tassumi f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima?**

Din hija kariga non-eżekuttiva w għalhekk beħsiebni nibqa nżomm l-impjieg full time tiegħi w l-karigi l-oħra li ġew elenkati fil-CV għaliex dawn ma jxekkluni bl-ebda mod li naqdi l-kariga tiegħi ta' Chairperson tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima.

**11. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser joħolqu kunflitt ta' interess f'każ li tiġi maħtur Chairperson tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima?**

Kif elenkat fil-CV tiegħi jien Accountant bil-warrant li nipprattika l-professjoni ta' awditur pubbliku. Jien wkoll liċenzjat mill-MFSA biex nipprovdi servizzi korporattivi pero, niddikjara li m'għandi l-ebda klijent relatat ma dan il-qasam.

**12. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

Nagħmel riferenza għall-mistoqsija numru 8 min-naħa tal-Membri tal-Gvern u nwieġeb l-istess.